# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 20 ta' Frar, 2019

**Rikors Numru : 492/2018 JPG**

**Kawza Numru : 15**

**RC**

**vs**

**MS**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ta' RC, datat 5 ta' Novembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fl-ghoxrin ta' Mejju elf disa mija u disghin skont certifikat taz-zwieg Nru. 780/1990 (DOK A)*

*Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt itfal (2), illum maggorenni.*

*Illi l-partijiet isseparaw bonarjament b'kuntratt ta' firda personali datat disgha (9) ta' Settembru elfejn u tlettax (2013) (Dok B).*

*Illi l-partijiet ghexu separatament minn dakinhar tas-separazzjoni konsenswali.*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw ghal kull obbligu ta' manteniment reciproku bejniethom.*

*Illi ghalhekk il-partijiet ssodisfaw il-kundizzjonijiet kollha li tirrikjedi l-ligi sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju u cioe skond l-Art 66B tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:*

1. *Tordna l-hall taz-zwieg taghhom minnhom kuntrattat fl-ghoxrin (20) ta' Mejju tas-sena elf disa mija u disghin (20/5/1990)*

2. *Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jirregistra d-divorzju tal-partijiet fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez kontra l-intimat mil-lum ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**MS** xehed a fol 15 *et seqq.* illi l-partijiet izzewgu fil-20 ta' Mejju 1999 u kienu ottjenew is-separazzjoni personali fit-9 ta' Settembru 2013 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal li llum il-gurnata huma maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RC** xehdet a fol 17 *et seqq.* u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tal-intimat.

**Ikkonsidrat;**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti tinnota illi wara z-zwieg taghhom datat 20 ta' Mejju, 1990 (Vide certifikat Dok A a fol 3), u l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 9 ta' Settembru 2013 fl-atti tan-

Nutar Dottor Katia Anthony Abela, debitament awtorizzat mill-Qorti (Vide kuntratt, Dok B a fol 5), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti rat illi jirrizulta inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**